**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Anita Catania**

**Kumpilazzjoni Numru**: **679/2018**

**Illum, 31 ta' Jannar, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Anita Catania**, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 00579(M)."

Akkuzata talli:

> "nhar it-23 ta' Settembru 2018, ghal habta tat-8:00 ta' filghodu gewwa r-residenza taghha sitwata f'numru 197 'Himalaya' Triq Sir Temi Zammit, Mgarr (Malta)

Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Alfred Mamo fil-periklu car, ikkagunatlhu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk kif gie icertifikat minn Dr. Malcolm Falzon MD numru mediku 4259, bi ksur tal-Artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 u ksur tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ingurjat u/jew heddet lil Alfred Mamo, b'ingurji jew theddid mhux immsemmijin band' ohra f'dan il-kodici, anke jekk kienet ipprovokata, ingurjatu b'mod li harget 'il barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmi Alfred Mamo u minn issa tapplika l-provediment tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Anita Catania bhala recediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Nakkuzaha ukoll talli fid-data u hinijiet imsemmija qabel, ikkomettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza."

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-24 t'Ottubru 2018 skont l-Artiklu 370(4) sabiex l-imputata tkun iggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi l-imputata irregistrat in-nuqqas ta' oggezzjoni taghha sabiex il-kaz taghha jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skont il-verbal tas-seduta tat-23 ta'Jannar 2019.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kaz si tratta minn att ta' vjolenza domestika mill-imputata fuq is-sieheb taghha Alfred Mamo.

L-imputata hija akkuzata bi ksur tal-Artikoli 221(1) u 339(e) tal-Kapitolu 9 u ksur tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta, u akkuzata wkoll illi hija recediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ikkomettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Illi dan ma hux l-ewwel kaz fejn l-imputata tressqet quddiem il-Qorti b'akkuzi simili u dan kif jirrizulta mill-fedina penali taghha esebita a folio 3 tal-process.

Illi l-vittma ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri stante illi qieghed f'relazzjoni mal-imputata, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi l-Qorti ma tanalizzax u ma tihux konjizzjoni tal-provi in atti.

Illi mill-rapport tal-Pulizija Dok CX1, a folio 15 tal-process prezentat u kkonfermat minn PS1350 Christian Xuereb, jirrizulta li:

- Il-Pulizija rceviet rapport b'telefonata anonima li "kien hemm bzonn assistenza mmedjata fil-fond 197, Himalaya, Triq Sir Temi Zammit, Mgarr, Malta[1], minhabba l-fatt li kien hemm xi argument bejn il-girien.".
- X'hin marru fuq il-post "fetah il-vittma Alfred Mamo fejn immedjatament gie nnutat li dan kellu xi griehi fuqu"; "Fejn l-'island' tal-kcina gie nnutat xi tifrik tal-hgieg imkisser...".
- Il-vittma stqarr hekk: "Illum hrigna u dhalna u argumentajna fuq xejn bhas-soltu **u meta taqbzilha jkun hemm konsegwenzi gravi**."[2].
- Il-vittma jghid li jhobb lill-imputata u ma jridx jipprocedi kontra taghha.
- Sar rapport mill-Pulizija lill-Agenzija Appogg fejn il-kaz gie assessjat u l-vittma giet dikjarata li qeghda f' "high risk" bi grad ta' 27.5, esebiet Dok GS5 a folio 26 sa 30 tal-process.
- Aktar tard "Alfred Mamo forna lill-Pulizija b'certifikat mediku li huwa sofra griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet".

[1] Ir-residenza tal-imputata u l-vittma Alfred Mamo

[2] Enfasi tal-Qorti

Illi mill-imsemmi certifikat mediku esebiet Dok GS1 a folio 21 tal-process, jirrizultaw diversi griehi li sofra l-vittma li ghalkemm huma "slight save complications" jinkludu "laceration wound" u "4 bite marks".

Illi mill-assjem tal-provi mressqa jirrizulta li l-imputata hija hatja tal-akkuza migjuba kontriha.

Illi fil-kunsiderazzjoni tal-pieni din il-Qorti ikkunsidrat (1) il-gravita' tal-akkuzi migjuba kontra l-imputata, (2) il-fedina penali tal-imputata minn fejn jirrizulta att precedenti simili b'akkuzi aktar gravi u (3) ghalhekk dan huwa t-tieni kaz fuq spallejn l-imputata bil-vittma fiz-zewg kazi hija Alfred Mamo, (4) li huwa car li l-imputata ghandha bzonn ghajnuna specjalizzata sabiex jigu evitati incidenti futuri, (5) l-insistenza tal-vittma li ma riedx jiehu passi kontra l-imputata u (6) il-fatt li l-imputata u l-vittma ghadhom f'relazzjoni u jghixu taht l-istess saqaf.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 49, 50, 221(1), 339 (e), tal-Kapitolu 9 u l-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata **Anita Catania** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha u tikkundannha ghal tmintax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett snin (3) u tpoggiha taht Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin mil-lum, liema trattament ghandu jikkonsisti f'terapija u programm/i idoneji u li jindirizzaw il-problemi li ghandha l-imputata bhal u mhux esklussivament Anger Management Programme u dan wara li l-imputata tigi evalwata minn tim professjonali.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputata l-import u r-riperkussjonijiet ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma tottemporax ruhha mal-imsemmija sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll li l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jifformaw parti integrali minn din is-Sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur